



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 19/26

il-Lussemburgu, 26 ta' Frar 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-92/23 | Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Dritt li jiġu pprovduti servizzi tal-media fuq frekwenza tar-radju)

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: billi żammet lil Klubrádió milli jipprovdi s-servizzi tal-media tiegħu fuq frekwenza tar-radju, l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni

Klubrádió huwa radju kummerċjali Ungeriż li, sa mill-1999, ilu jxandar il-programmi tiegħu fuq frekwenzi tar-radju. Fl-2014, huwa iffirma kuntratt mal-Kunsill tal-Media Ungeriż dwar id-dritt li jipprovdi servizzi tal-media fuq il-frekwenza 92.9 MHz fiż-żona ta' xandir ta' Budapest. Il-kuntratt ġie konkluż għal perjodu ta' seba' snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid għal perjodu ta' ħames snin.

Wara l-iskadenza tal-kuntratt, il-Kunsill tal-Media rrifjuta li jilqa' t-talba għat-tiġdid. Huwa qies li Klubrádió kien naqas darbtejn milli jwettaq l-obbligu tiegħu li, kull xahar, jipprovdi informazzjoni dwar il-kwoti tax-xandir, li kien jikkostitwixxi ksur ripetut. Skont il-Liġi Ungeriża dwar il-Media, ksur bħal dan awtomatikament iwassal għar-rifjut ta' tiġdid.

Wara, il-Kunsill tal-Media ppubblika sejħa għall-offerti għall-provvista ta' servizzi tal-media fuq il-frekwenza kkonċernata, iżda l-applikazzjoni ta' Klubrádió ġiet iddikjarata invalida. Din id-deċiżjoni ġiet iġġustifikata permezz ta' nuqqasijiet fil-iskeda tal-programmazzjoni u permezz tal-bilanċ negattiv fil-kontijiet ta' Klubrádió fil-ħames snin ta' qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu, li kien irendi l-offerta tiegħu mhux xierqa biex tiġi żgurata l-preżenza fis-suq tal-media ta' stazzjon tar-radju stabbli u prevedibbli fl-operat tiegħu.

Billi qieset li l-Ungerija ma kinitx konformi mal-qafas regolatorju tal-Unjoni dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi ¹, mal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' amministrazzjoni tajba, kif ukoll mal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni stabbilita fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ², il-Kummissjoni Ewropea ressqet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-parti l-kbira tal-ilmenti tal-Kummissjoni u tikkonstata li l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tfakkar li, skont il-qafas regolatorju tal-Unjoni dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, id-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju għandhom jiġu allokati abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati. Madankollu, **il-Liġi Ungeriża dwar il-Media teskludi awtomatikament it-tiġdid tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju** fil-każ ta' ksur ripetut, **anki meta l-ksur ikun minuri, purament formali u jkun diġà ġie ssanzjonat u rrettifikat. Konsegwentement**, din il-liġi kif ukoll id-deċiżjoni li tirrifjuta t-tiġdid adottata abbażi ta' tali liġi fir-rigward ta' Klubrádió **jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità**. Din il-liġi tmur ukoll kontra dan il-prinċipju sa fejn teskludi l-possibbiltà għall-fornituri ta' servizzi ta' media li d-dritt tagħhom ta' użu tal-frekwenza tar-radju ma jiġix imġedded minħabba t-twettiq ta' ksur ripetut li jitolbu drittijiet ta' użu temporanji.

Bl-istess mod, **id-deċiżjoni ta' invalidazzjoni tal-offerta ta' Klubrádió hija sproporzjonata** sa fejn hija bbażata fuq irregolaritajiet minuri fil-iskeda ta' programmazzjoni, li r-rettifika tagħhom ma kien ikollha ebda effett fuq l-elementi sostantivi tal-applikazzjoni. Barra minn hekk, ir-raġuni għall-invalidità bbażata fuq in-natura negattiva tal-fondi ta' Klubrádió u fuq l-impossibbiltà li jkopri l-ispejjeż tiegħu bid-dħul mill-bejgħ nett tiegħu biss **tmur kontra l-prinċipji ta'**

trasparenza u ta' proporzjonalità. Fil-fatt, minn naħa, l-ebda rekwiżit dwar l-istat ta' fondi tal-applikanti jew in-neċessità li jkopru l-ispejjeż tagħhom bid-dħul mill-bejgħ nett tagħhom biss ma kien jinsab fost il-kundizzjonijiet dwar il-vijabilità finanzjarja imposti fuq l-applikanti mis-sejħa għal offerti kkonċernata u lanqas ma seta' jiġi raġonevolment dedott minn xi regola ta' din is-sejħa għal offerti. Min-naħa l-oħra, meta l-vijabbiltà tal-applikant ikkonċernat ma tkun f'dubju, raġuni għall-invalidità bbażata fuq tali rekwiżit tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tiġi żgurata l-preżenza fis-suq tal-media ta' stazzjon tar-radju stabbli u prevedibbli fl-operat tiegħu.

Barra minn hekk, il-Qorti tikkonstata li d-deċiżjoni li tirrifjuta t-tiġdid ġiet adottata ħafna wara l-iskadenza tas-sitt ġimgħat previsti fil-qafas regolatorju. Barra minn hekk, il-proċedura ta' sejħa għal offerti ma ġietx organizzata fil-ħin biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni qabel id-data ta' skadenza tad-drittijiet ta' użu ta' Klubrádió. Għalhekk, **I-Ungerija kisret ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tiddeċiedi li l-Ungerija **kisret il-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali** billi, minn naħa, adottat id-deċiżjoni li tirrifjuta t-tiġdid u l-Liġi dwar il-Media, u minn naħa l-oħra, adottat id-deċiżjoni ta' invalidazzjoni u l-proċedura tas-sejħa għal offerti kkonċernata. **Fil-fatt, skont il-Qorti, kwalunkwe miżura nazzjonali li tillimita jew tirrestrinġi l-aċċess tax-xandara għall-frekwenzi tar-radju x'aktarx tinterferixxi mad-dritt tagħhom għal-libertà tal-media marbuta mal-libertà tax-xandir. Il-Qorti tikkonstata f'dan ir-rigward li l-ksur u n-nuqqasijiet li Klubrádió ġie kkritikat bihom f'dan il-każ, li jiffurmaw il-bażi kemm għad-deċiżjoni ta' rifjut kif ukoll għad-deċiżjoni ta' invalidità u li konkretament żammew lil dan ir-radju milli jkompli bl-attivitàjiet fil-qasam tax-xandir, huma relatati jew ma' impreċiżjonijiet minuri ta' natura formali jew ma' aspetti li, bħala tali, m'għandhomx jagħmluha impossibbli għal radju li jkompli bl-attività tiegħu.**

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Dan il-qafas regolatorju jikkonsisti, b'mod partikolari, fid-[Direttiva 2002/20/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni tan-networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif emendata bid-Direttiva 2009/140 (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni); id-[Direttiva 2002/21/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttivi 2002/21/KE, 2002/19/KE u 2002/20/KE (Direttiva Qafas); id-[Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE](#) tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar il-Kompetizzjoni), u d-[Direttiva 2018/1972/UE](#) li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li rrifolmulat id-Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE.

² Artikolu 11.